MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 18/2007

Joan Vella

Vs

George Vella

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li:

Hi zzewget lill-konvenut George Vella fid-disgha (9) ta' Gunju elf disgha mija u disgha u sebghin (1979) gewwa Ghawdex u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, David li twieled fit-13 ta' Marzu 1980, u zewg tewmin, Daniela u Joanne illi twieldu fid-disgha (9) ta' April 1982.

Iz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghar-raguni illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Il-konvenut qatt ma fehem u apprezza d-dmirijiet u drittijiet reciproci tal-hajja mizzewga, qatt ma stabilixxa komunikazzjoni bejnu u bejn l-attrici, minkejja l-isforzi kollha taghha u dejjem ghex bhallikieku z-zwieg ma jezistix.

Ghalhekk l-attrici talbet sabiex din il-Qorti:-

Tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti null u bla effett.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat, naqas milli jipprezenta risposta u milli jidher ghas-seduti.

Rat l-atti tal-kawza.
Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kontendenti zzewwgu fid-9 ta' Gunju 1979 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, Daniel li twieled fid-13 ta' Marzu 1980, Daniela u Joanne li twieldu fid-9 ta' April 1982. Fid-data taz-zwieg, l-attrici kellha wiehed u ghoxrin (21) sena filwaqt li l-konvenut kellu tlieta u ghoxrin (23) sena. L-attrici qeghda ssostni li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat *"b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirrijiet essenzjali taghha"*. Fis-16 ta' Lulju 2007 gie pubblikat (atti nutar Michael Refalo) il-kuntratt ta' separazzjoni. Fis-16 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo gie pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni (fol. 4).

2. L-attrici ressqet dawn il-provi:-

(a) **<u>L-attrici</u>** xehedet permezz ta’ affidavit (fol. 17) – Ikkonfermat li qabel iz-zwieg kienu ghamlu sentejn gharajjes. Matul l-gherusija kienet inqalghet problema fis-sens li l-konvenut kien ried li jemigraw filwaqt li l-attrici riedet tibqa’ tghix Ghawdex. Eventwalment kienu ddecidew li jibqghu jghixu f’Ghawdex. Tiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna maghluqa u ta’ ftit kliem. Wara z-zwieg l-atteggjament tieghu ma nbidilx u qatt ma kellhom dik il-hajja ta’ koppja. Kien jaghti iktar importanza lix-xoghol u meta jirritorna d-dar kien ikun ghajjien hafna. Matul ix-xhur tax-xitwa minflok iqatta’ iktar hin mal-familja kien isiefer wahdu. Anke ghal dak li jirrigwarda decizjonijiet importanti fiz-zwieg, dawn kienu jittiehdu mill-konvenut u martu kienet issir taf bihom meta jkunu diga’ ttiehdu certu decizjonijiet. Bhala ezempji semmiet il-kaz meta l-konvenut xtara restaurant u meta ha l-gestjoni ta’ stazzjon tar-radju. Negozji li fallew u li wasslu sabiex il-konvenut jidhol f’dipressjoni tant li lanqas ma kien johrog mid-dar. Kien gie zmien meta l-konvenut kien beda jkun iktar imdejjaq minn qabel. L-attrici qalet li kkonsultat ma’ hu l-konvenut (Rev. John Vella) li ssuggerixxa li l-konvenut jikkonsulta lill-psikjatra Dr. Anton Grech. Hekk ghamlu u l-konvenut beda jircievi l-kura izda ma jirrizultax li l-affarijiet marru ghall-ahjar. Ir-relazzjoni ta’ bejniethom spiccat *“f’temp ta’ gimgha mhux iktar. Ma kienx hemm xi glied jew inkwiet bejnietna li wassal ghat-tmiem tar-relazzjoni. George sempliciment iltaqa’ ma persuna ohra u telaq mid-dar taghna. Qalli sempliciment li huwa kien qieghed ihossu iktar komdu ma’ dina l-persuna l-gdida. Kienet decizjoni li huwa ha bl-ghaggla bhad-decizjonijiet kollha li kien jiehu”* (fol. 18).

(b) **<u>Margaret Cassar</u>** xehedet permezz ta’ affidavit (fol. 19) – oht l-attrici li qalet li lill-konvenut dejjem tafu *“bhala bniedem ta’ ftit kliem u li kien rizervat hafna”*. Qabel iz-zwieg il-koppja kellha xi problemi ghaliex il-konvenut kien wera x-xewqa li jemigra, filwaqt li l-attrici riedet tibqa’ tghix f’Ghawdex. Kienu baqghu jghixu Ghawdex, pero’ min-naha tieghu l-konvenut wasal ghal din id-decizjoni kontra qalbu. Matul iz-zwieg l-atteggjament ma nbidilx u kien baqa’ rizervat u jaghmel perjodi *“hafna depressed”*. Ix-xhud spjegat li l-konvenut

ma kienx ikompli u meta kien ighid xi haga kien *"….biex igerger jew jilmenta fuq ix-xoghol jew fuq xi affarijiet ohra"*. Biddel ix-xoghol kemm-il darba u kellu wkoll tendenza li jiehu decizjonijiet minghajr ma jikkonsulta lil martu u l-membri tal-familja. Matul dawn l-ahhar snin beda jircievi kura minghand il-psikjatra Dr. Anton Grech.

(c) **Grace Cassar** xehedet permezz ta' affidavit (fol. 20) – spjegat li l-attrici kienet qaltilha li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejnha u l-konvenut, u li ma kienx jippartecipa fil-hajja tal-familja. Skond ix-xhud, l-attrici kienet tilmenta maghha li l-konvenut jhobb ighix ghal rasu, qiesu guvni. Kien per ezempju jsiefer wahdu u anke jiehu decizjonijiet wahdu. Semmiet meta l-konvenut kien xtara restaurant u meta beda stazzjon tar-radju, minghajr ma qal xejn lil martu. L-istess ghamel meta t-tfal ghalqu tmintax-il sena u xtralhom karrozza. Ix-xhud qalet li tkellmet mal-konvenut sabiex forsi tghinu jbiddel l-atteggjament tieghu, izda min-naha tal-konvenut ma kienx hemm ir-rieda li jinbidel.

(d) **Reverendu John Vella (fol. 21)** – Jikkonferma li l-konvenut (li hu huh) hu bniedem rizervat u ta' ftit kliem. Fattur li kien evidenti fil-hajja familjari, in kwantu *"ma kienx hemm dak il-bonding li wiehed jistenna minn koppja mizzewga li jkollha t-tfal. Kien izomm ghalih wahdu hafna"*. Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-koppja u l-attrici kemm-il darba kellmitu fuq dan l-atteggjament ta' zewgha, u li kienet qeghda ddejjaqha hafna. Ghalkemm matul ix-xhur tas-sajf kien ikun impenjat hafna, meta mbaghad fix-xhur tax-xitwa kien ikollu iktar hin fuq idejh ma kienx iqattghu mal-familja imma minflok isiefer wahdu. Kellu wkoll tendenza li jiehu decizjonijiet b'ghaggla. Spjega li dan gara f'zewg okkazzjonijiet; *"darba minnhom kien habta u sabta iddecieda wahda li jixtri ristorant u darba ohra kien iddecieda li jivesti fi stazzjon tar-radju"*. Dawn iz-zewg inizjattivi kienu fallew u l-konvenut qabditu dipressjoni qawwija. Kien hu li ssuggerixxa lill-konvenut biex jikkonsulta mal-psikjatra Dr. Anton Grech.

(e) **<u>Il-psikjatra Dr. Anton Grech</u>** (xehed fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2008) – ikkonferma li l-konvenut ibaghati minn kundizzjoni maghrufa bhala ***bipolar affective disorder***; *"din il-kundizzjoni tkun tali illi l-pazjent ikollu perjodi fejn ikun ghaddej minn dipressjoni. Ikollu perjodi ohrajn fejn ikun ghaddej minn hypomania. Nikkonferma li din il-kundizzjoni twassal biex il-pazjent ikun impulsive. Ikollu energija aktar minn normal u l-mohh ikun jghaggel. Din hi kundizzjoni oppost milli meta tkun ghaddej minn depression. Imbaghad ikun hemm perjodi fejn il-pazjent ikun ghadde minn sitwazzjoni normali"*. Il-konvenut ilu mis-sena 2000 taht il-kura tieghu, u minn dak li gie rrakontat lilu kien tal-fehema li l-konvenut kien ilu jbaghati minn din il-kundizzjoni. Kompla jzid li l-kundizzjoni m'hijiex *personality disorder* izda mard psikjatriku; *"nikkonferma illi dak li jkun, jigifieri l-pazjent, ikollu l-genetika ghaliha, jigifieri l-pretext position li taqbdu. Maz-zmien imbaghad titfacca. Aktar ma tikber fl-eta', ikollok aktar cans li tohrog. Generalment l-ewwel episodju jkun meta dak li jkun, ikun ghaddej minn stress. Jiena ma hiniex f'kundizzjoni biex nghid li George Vella kien fis-sena elf disa' mija disgha u sebghin (1979) qieghed ibati minn din il-kundizzjoni"*. Zied ighid li fil-fehma tieghu, il-kundizzjoni harget meta l-konvenut ghamel negozju dwar restaurant fiz-zmien li kien mar ghandu; *"dan in-negozju kien ikkawzalu hafna stress lill-pazjent"*. Fil-perjodu li l-pazjent ikun fi stat ta' dipressjoni jinghalaq innifsu u jkun ferm difficli li jikkomunika. Qatt ma nvestiga dwar ir-raguni li kienet wasslet lill-konvenut sabiex jizzewweg. Kompla jispjega li *"minn dak illi stajt nifhem problemi kbar ma kellux fiz-zwieg il-pazjent, pero' kien hemm sensiela ta' kumplikazzjonijiet minhabba dan l-element ta' impulsivita"*. Zied ighid li *"…..mir-ricerka li ghamilt f'dan il-kaz illi George Vella dejjem kellu din it-tendenza li l-kundizzjoni tieghu tvarja skond l-istaguni, fis-sens illi fil-perjodu tax-xitwa ikun f'sitwazzjoni dipressiva, mentri matul ix-xhur tas-sajf ikun hyperactive"*.

3. Iz-zwieg li hu meritu ta' din il-kawza sar fis-sena 1979. L-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jipprovdi ghan-nullita' ta' zwieg: "(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-*

*partijiet ikun vizzjat* ***<u>b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha</u>****, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*". Provvediment li gie fis-sehh permezz ta' l-emendi li gew introdotti fl-1981. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] f'sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet **Rita Spiteri vs Gorg Spiteri** spjegat: *"Ir-riflessjoni principali hija illi f'materja tant sensittiva u delikata fejn hemm involut il-validita' o meno taz-zwieg – il-fundament tal-familja fis-socjeta Maltija u ghalhekk il-pilastru ewlieni ta' din is-socjeta` u kwindi materja ta' ordni pubblika f'anqas minn 25 sena tbiddlet il-ligi f'din il-materja erba' darbiet."* Fuq din il-konsiderazzjoni l-Qorti iddecidiet:-

***"illi l-emendi ta' l-1981 ghandhom japplikaw retroattivament anke ghaz-zwigijiet celebrati bejn l-1975 u l-1981****. Interpretazzjoni ohra tfisser konfuzjoni, incertezza u inkoerenza f'materja li ghandha invece tkun ordnata u regolata b'koncetti simili jekk mhux identici tul iz-zminijiet."*[2]. Din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux jigi applikat l-istess ragunament ghal din il-kawza.

Illi kif gie osservat fl-istess sentenza il-qrati taghna inkluz il-Qorti ta' l-Appell f'diversi sentenzi applikaw il-ligi taz-Zwieg bl-emendi ta' l-1981 ghal zwigijiet iccelebrati bejn l-1975 u l-1981 (ara **Paul Pace vs Mary Pace** – Prim'Awla, 5 t'Ottubru 1992; **Emanuel Cassar vs Mary Grace Cassar** – Qorti ta' l-Appell, 8 ta' Marzu 1995 u **Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri"** – Qorti ta' l-Appell, 14 ta' Dicembru 1994 fost ohrajn).

4. Fil-kawza **Alex Tonna v. Anna Tonna xebba Vassallo** deciza mill-Prim Awla fl-10 ta' Settembru 1997 inghad: *"biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju…irid ikun hemm l-inkapacita`*

---

[1] Imhallef Noel Arrigo.
[2] Interpretazzjoni li gie applikata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Anthony Licari vs Caroline Licari** deciza fil-31 ta' Mejju 2002.

*psikika jew kostituzzjonali (mhux neccessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta` tal-ghazla) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*. Il-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjediex maturita shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghal obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur. Inoltre il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva u cioe` dak li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u is-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk wahda minn dawn l-elementi hi nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. Fil-kawza **Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti ghamlet riferenza ghall-insenjament ta' tal-awtur ***Pompedda***:

"*In ogni caso i nubenti debbono avere concoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole."*

Illi l-istess sentenza tikkwota xi jghid il-***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

"*La discrezione di giudizio comprende la maturita di giudizio e la maturita affettiva … La maturita di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro.* ***La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emottivita' che se sono turbati o inadeguati intaccanno direttamente la volonta e possono privare della libera scelta interiore*** *… Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa*

*e' il matrimonio, e' necessaria la maturita di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per* ***gli impegni che da quell'atto derivano****. Una discrezione che impegni per il futuro.*" .

5. Mill-provi li tressqu l-Qorti hadet stampa ta' zwieg totalment minghajr affezzjoni matrimonjali, qiesu l-konvenut minkejja li zzewweg baqa' jghix il-hajja ta' qabel maqtugh mir-realta' u f'dinja ghalih. L-attrici spjegat kif *"George baqa' maqtugh ghalih inniffsu u minkejja li kont nipprova li niftah konversazzjoni mieghu u nibni relazzjoni interpersonali mieghu, huwa qatt ma kien responsiv"*. Hekk ukoll meta kien jirritorna lura d-dar kien jippreferi jaqra l-gazzetta jew jara t-televizjoni. Hu ferm rilevanti l-kliem tal-attrici li *"tista' tghid li huwa baqa' jghix il-hajja ta' guvni u d-dar ghalih kienet qisha lukanda"*. Sahansitra kien isiefer wahdu meta jfettillu u decizjonijiet li kienu jolqtu l-interessi tal-familja kien jehodhom wahdu minghajr ma jiddiskuti minn qabel ma' martu. Il-Qorti tifhem li kienet ukoll b'din l-attitudni li l-konvenut dahal ghaz-zwieg. Mill-provi rrizulta kif:-

- Il-konvenut kien maghluq fih innifsu u ta' ftit kliem;
- Kien hemm nuqqas ta' *bonding* li wiehed jistenna minn koppja mizzewga. Ma jirrizultax li l-konvenut ghamel xi sforz biex jibdel l-atteggjament tieghu matul iz-zwieg. Anzi l-affarijiet marru mill-hazin ghall-aghar tant li l-konvenut spicca jbati minn *bipolar disorder*, li mill-provi jidher li kompla jzid hafna stress fuq din ir-relazzjoni;
- Ghalkemm din il-koppja kellha t-tfal, ma jirrizultax li matul is-snin li ghamlu flimkien qatt irnexxielhom jibnu dik ir-relazzjoni interpersonali li hi element essenzjali fiz-zwieg;
- Mill-bidunett taz-zwieg il-konvenut wera nuqqas ta' impenn emozzjonali fil-konfront ta' martu li

wassal biex ma nbnietx relazzjoni interpersonali intima fil-kors tal-hajja matrimonjali. Dan in-nuqqas ta’ abilita’ min-naha tal-konvenut li jibni relazzjoni ma’ l-attrici hu evidenti u jidher li kien rizultat ta’ nuqqas ta’ gudizzju kritiku dwar il-kunsens taz-zwieg;

L-imgieba tal-konvenut hi karatterizata minn inadegwatezza ghall-esigenzi emozzjonali, socjali u fizici tal-hajja matrimonjali. Dawn ir-riflessjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tikkunsidra dan iz-zwieg bhala mhux biss wiehed li falla pero' wkoll bhala annullabbli peress illi l-kunsens tal-konvenut fil-mument li gie moghti kien vizzjat "*b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ..... fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali*" tal-hajja mizzewga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li z-zwieg li kkuntrattaw il-partijiet hu null u bla effett b’applikazzjoni tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------